# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 118/2023/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Stevie Pisani**

Illum it-tlieta (3) ta' April 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Stevie Pisani**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 334901(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-11 ta' Frar 2023 għall-ħabta tal-10.30 ta' filgħaxija fil-viċinanzi ta' Triq San Pawl, fil-parkeġġ magħruf bħala 'l-Għalqa ta' Kola' fir-Rabat (Malta):

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Simon Parnis f'perikolu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi, bi ksur ta' Artikoli 214, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fid-data, lok u ħin u ċirkostanzi msemmija qabel, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor bi ksur ta' Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Simon Parnis u tapplika l-provvedimenti ta' Artikoli 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li l-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Frar 2025, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 214, 215 u 216(1)(a)(iv) u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannatu sittax (16)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li s-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien tliet (3) snin.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Simon Parnis u dana għal żmien tliet (3) snin.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat biex jingħata trattament psikoloġiku biex jikkontrolla l-emozzjonijiet negattivi b'mod iktar effiċjenti u kull għajnuna oħra li tkun meħtieġa biex jiġu ndirizzati xi diffikultajiet li jiġu identifikati bħala fatturi kontributuri tan-nuqqas ta' kontroll tar-rabja, fosthom, okkorrendo, il-vizzju tad-dipendenza fuq id-droga.

*Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma komplessiva ta' elfejn, seba' mija u erbgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€2,740.80)[1] rappreżentanti l-ispejjeż imħallsa lill-esperti u periti maħturin fil-proċeduri u fil-*Proces-Verbal* tal-inkjesta u ordnat wkoll lir-Reġistratur sabiex jillikwida l-ispejjeż dovuti fuq ir-relazzjoni tal-espert Dr. Joseph Cassar ukoll maħtur fil-proċeduri, liema spejjeż ukoll kellu jħallashom l-imputat.

Il-Qorti spejgat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilita' tiegħu taħt Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk matul il-perjodu operattiv huwa jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Għall-fini ta' Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat sabiex tittieħed konjizzjoni tal-ordni għal-likwidazzjoni u ħlas tal-ispejjeż taħt Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li kopja tas-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.

Finalment, il-Qorti ordnat ukoll li tintbagħat kopja tas-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u *Parole* għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trażżin.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-3 ta' Marzu 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha: "*tvarja s-sentenza appellata billi: (1) Tikkonfermaha in kwantu illiberatu mit-tieni imputazzjoni; (2) Tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena abbinati mil-istess; (3) U in subordine fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-aggravju dwar il-mertu, tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena u tinfliġġi minflok piena aktar idonea u li tirrispekja l-każ in eżami.*"

[1] "€153.90 – SOCO; €831.90 – Dr. Martin Bajada; €318.60 – Dr. Marisa Cassar; €1,000 – Dr. Kristina Bettenzana; €436.40 – Dr. Mario Scerri."

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-21 ta' Marzu 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-13 ta' Frar 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw akkadut li seħħ fir-Rabat, Malta fejn l-appellant flimkien ma' sħabu marru hemm sabiex iqattagħu ftit ħin. Jingħad li huma kienu jinsabu fil-pjazza ta' ħdejn ir-Roman Villa, fejn kien hemm il-parti leża Simon Parnis li jingħad li kien fis-sakra u jingħad ukoll li beda jdejjaq lill-grupp li l-appellant kien jifforma parti minnu. Jingħad li f'daqqa waħda l-appellant allegatament irreaġixxa billi mbotta lill-parti leża bil-konsegwenza li hu (il-parti leża) waqa' mal-art u ħabat l-iskutella ta' rasu u ntilef minn sensieh. Il-parti leża ddaħħal l-isptar u ġie ċċertifikat li kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi. L-appellant jispjega li huwa rreaġixxa meta l-parti leża pprova jmisslu wiċċu.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom b'mod separat. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-aggravji hija tfakkar li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tistħarreġ l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova n-ness bejn l-azzjonijiet tiegħu u l-ġrieħi li ġarrab il-parti leża Parnis u dan sal-punt illi l-Qorti tiġi konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Huwa jagħmel riferenza għas-sentenza appellata fejn il-Qorti titkellem dwar xejra ta' daqqa jew imbottatura u jgħid li dan mhux korrett u jgħid li mill-atti proċesswali jirriżulta li ma kienx hemm xejra ta' daqqiet. Ikompli li kien hemm biss imbuttatura sabiex ibiegħed minnu nnifsu l-periklu impost mill-parti leża. Huwa jirreferi għal dik tal-parti tas-sentenza appellata fejn tgħid (*a fol.* 444): *"Dak il-ħin huwa imbottah "biex ikun jista' jersaq" iżda l-vittma waqa' lura […]."* Jgħid li dan il-kliem ma jirriżultax mill-istqarrija iżda tirriżulta biss mir-

rapport tal-Pulizija u li konsegwentement huwa *detto del detto*. Jirreferi għax-xiehda tal-espert mediku Dr. Mario Scerri li spjega li Parnis kellu żewġ punti ta' impatt u jkompli li hu (l-appellant) xehed li huwa mbotta lill-parti leża minn sidru biss u ma messlux wiċċu li kien wieħed mill-punti tal-impatt deskritti minn Dr. Scerri. Jisħaq li għalhekk bilfors li l-punt ta' impatt fuq wiċċ il-parti leża ġie minn x'imkien ieħor u li għalhekk ma setax jinsab ħati ta' din il-leżjoni. Jargumenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u li b'hekk l-appell tiegħu jimmerita li jiġi milqugħ.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li, kif jgħid l-appellant, l-aqwa prova f'dan il-każ huma l-filmati tas-CCTV u dana peress li dawn il-filmati juru biċ-ċar id-dinamika tal-akkadut. Magħdud ma' dan din il-Qorti tirrimarka li l-ġrieħi riskontrati fuq il-parti leża hekk kif jirriżultaw mir-rapport (Dok. "MS 1" – *a fol.* 193 *et seq.*) redatt minn Dr. Mario Scerri kienu s-segwenti (*a fol.* 197):

> "Illi kien hemm nefħa fuq iż-*zygoma* tan-naħa tal-lemin (**ara ritratt numru 1**);
>
> Illi kien hemm demm li kien għadu ħiereġ mill-widna l-leminija (**ara ritratt numru 2**);
>
> Illi kien hemm ukoll *heamatoma fil-parieto-occipital region* tal-lemin (**ara ritratt numru 3**)."

Illi wara li din il-Qorti rat bir-reqqa l-filmati li jirriżultaw fl-atti proċesswali tinnota li minnhom jidher is-segwenti:

- il-*parti leża* Parnis kien fi stat ta' sokor hekk kif jirriżulta wkoll mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri (Dok. "MS 1" – *a fol.* 193 *et seq.)* fejn jindika li l-livell tal-alkoħol fid-demm tal-parti leża kien dak ta' 254*mg/dl* li l-istess Dr. Scerri jiddeskrivi hekk (*a fol.* 202): *"huwa livell għoli ħafna u jirrifletti stat ta' sokor esaġerat illi jimpedixxi lil dak li jkun milli jikkoordina l-movimenti tiegħu kif suppost"*;

- mill-filmat jidher b'mod ċar l-appellant jinżel minn fuq il-bank u jdur sabiex jikkonfronta lill-parti leża;

- l-appellant imbotta bis-saħħa lill-parti leża;

- in-nefħa fuq il-wiċċ tal-parti leża hija r-riżultat tal-aggressjoni u din il-Qorti tgħid dan minħabba li mill-filmati jirriżulta filmat tal-parti leża qabel il-ġlieda fejn hawn hu ma kellux xi forma ta' nefħa mentri mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri (*a fol.* 198) tidher biċ-ċar in-nefħa;

- jirrizulta għalhekk li l-parti leża ma kellux nefħa fuq wiċċu qabel l-aggressjoni waqt li wara huwa spiċċa b'nefħa fuq wiċċu bil-konsegweza li tali nefħa hija konsegwenza tal-istess aggressjoni;

- fid-dinamika tal-waqa' il-parti leża l-ewwel iċaqlaq rasu li skont din il-Qorti huwa sintomu wkoll tal-fatt li l-appellant laqtu (lill-parti leża) f'wiċċu.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, jirriżulta lil din il-Qorti li l-kawża tal-waqa' hija kollha kemm hi riżultat ta' żewġ fatturi. L-ewwel fattur kienet l-imbuttatura/id-daqqa li rċieva l-parti leża, waqt li marbut ma' din hemm ukoll l-istat ta' sokor tiegħu. Għaldaqstant l-aggravju in eżami jistħoqq li jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jispjega li l-prova prinċipali f'dan il-każ huwa l-filmat. Ikompli li l-Ewwel Qorti tat piż lix-xiehda ta' Zachary Muscat u Nick Aquilina fejn dan ta' l-aħħar jgħid li huwa rah jimxi xi żewġ metri. Jisħaq li dan huwa fatt li ma jirriżultax. L-appellant jgħid li mill-filmat in kwistjoni jirriżulta li hu (l-appellant) qam minn fuq il-bank meta ra lill-parti leża jimxi dirett lejh u ma mexiex minn postu u kien biss meta l-parti leża wasal miegħu illi huwa (l-appellant) imbuttah biex jiddefendi ruħu. Huwa jagħmel riferenza għal parti mis-sentenza appellata fejn l-

Ewwel Qorti tgħid li l-filmat ma jeskludix li hu ta daqqa fuq wiċċ il-parti leża u jisħaq li ma jaqbilx ma' dan minħabba li din il-konklużjoni mhijiex ibbażata fuq il-provi. Jargumenta li l-konklużjonijiet iridu jkunu bbażati fuq il-provi. L-appellant jirreferi għax-xiehda ta' Aquilina u l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti u jispjega li ma hemm l-ebda prova li turi li huwa kkawża l-ġrieħi fuq wiċċ il-parti leża u għalhekk jisħaq li għandu japplika l-prinċipju *in dubio pro reo*. Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti njorat il-fatt li l-parti leża kellu inċident stradali qabel l-inċident miegħu u dwar dan jirreferi għax-xiehda ta' Dr. Joseph Cassar. Ikompli billi jirreferi għall-vettura tal-parti leża fejn huwa saq vettura fuq ir-rim, b'dana illi din hija prova tal-inċident l-ieħor. Isemmi li fil-vettura tal-parti leża nstab bott tal-birra vojt u jgħid li dan huwa prova li l-parti leża kien fi stat ta' sokor. Isemmi wkoll li skont Dr. Cassar, il-parti leża kien subiet minn inċidenti oħra qabel. Jagħlaq l-aggravju in eżami billi jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u li għalhekk ir-Rikors tal-appell tiegħu jistħoqq li jiġi milqugħ.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tirreferi għal dak li ngħad minnha fir-rigward tal-aggravju preċedenti u *mutatis mutandis* tapplikah għal dan l-aggravju. Magħdud ma' dan għandu jingħad ukoll li għalkemm huwa minnu li l-parti leża mar fuq il-grupp tal-appellant u beda jdejjaqhom huwa daqstant ieħor evidenti mill-filmati li l-appellant f'mument minnhom skatta b'mod li kważi qabeż minn fuq il-bank u volontarjament ġie wiċċ ma' wiċċ il-parti leża. Skont din il-Qorti, din l-imġieba turi b'mod ċar li l-*intendere* tal-appellant kien li jikkonfronta lill-parti leża. L-appellant għamel din l-għażla minkejja li kien ben konxju tal-fatt li l-parti leża kien fi stat ta' sokor qawwi.

Illi fir-rigward l-inċident li l-parti leża kien parteċipi fih qabel l-akkadut mal-appellant, din il-Qorti tirrimarka li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-parti leża kien qed isuq fuq ir-rim u jirriżulta wkoll li fuq l-istess vettura kien hemm daqqa. Jista' jkun ukoll li d-daqqa setgħet kienet friska stante li ma kienx hemm sadid magħha hekk kif jidher mir-ritratti li jinsabu *a fol.* 220. Iżda magħdud ma' dan, din il-Qorti tirrimarka li anke jekk il-parti leża

kellu inċident preċedenti dan ma rriżultax f'xi daqqa viżibbli f'wiċċu, liema daqqa kienet tidher b'mod ċar f'wiċċ il-parti leża wara l-ġlieda hekk kif jirriżulta mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri. Għandu jingħad li l-Ewwel Qorti ma skartatx din it-teżi anzi bil-kontra hija ma emmnitx li l-parti leża kellu xi leżjonijiet meta wasal ir-Rabat. Fil-fatt fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti tgħid hekk (*a fol.* 455):

> "Il-Qorti ssib l-ipotesi li l-vittma kien wasal ir-Rabat bil-karozza, kien qed jixrob u jiekol il-pastizzi u jiffastidja lin-nies, meta diġa' kellu frattura fl-għadam ta' wiċċu[2], ferm u ferm improbabbli, jekk mhux ukoll fantasika."

Illi rigward il-punt fejn l-appellant jilmenta dwar il-mod kif l-Ewwel Qorti qalet li ma teskludix li kien huwa li ta daqqa f'wiċċ il-parti leża, din il-Qorti hija tal-fehma li dan joħroġ ċar mill-provi msemmija taħt l-aggravju preċedenti u konsegwentement din il-Qorti ma tarax il-ħtieġa li tapplika l-prinċipju *in dubio pro reo* stante li fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-każ ma hemmx dubju.

Illi b'hekk isegwi li anke t-tieni aggravju jistħoqq li jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li huwa kien qed jaġixxi in difeża tiegħu nnifsu u kien biss għalhekk li mbotta lill-parti leża. Jgħid li l-fatt li parti leża ntelaq kienet riżultat biss tal-fatt li kien fi stat kbir ta' sokor b'dan illi jagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija minn Dr. Mario Scerri. L-appellant ikompli li huwa ma jaqbilx mal-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti li l-filmat jeskludi li l-parti leża għamel għal wiċċ l-appellant u dana minħabba li l-parti leża kienet dahru lejn il-*camera* u ma kienx jidher x'qed jagħmel b'idejh. Ikompli li wieħed irid jikkunsidra wkoll dak li l-parti leża kien qiegħed isemmi u ċioè theddid, reati

[2] "Ksur tat-*temporal and parietal bones.*"

u affarijiet oħra li skont hu jġiegħluk tibża' minn dak li jista' jasal li jagħmel.

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant iressaq il-leġittima difiża bħala skużanti għal għaġir tiegħu. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-parti leża għalkemm kienet qed idejjaq lil grupp li minnu kien jifforma parti l-appellant, dan ma bediex l-aggressjoni ossia l-vjolenza huwa. Mill-filmat jirriżulta li l-appellant dar biex jiffaċċja lill-parti leża minflok tbiegħed minnu. Din il-Qorti ma taqbilx li l-appellant ma kellux alternattiva anzi l-filmat juri biċ-ċar li l-appellant kellu alternattiva li minflok jiffaċċja l-parti leża jitbiegħed minnha u dana tenut kont ukoll tal-fatt, kif diġa' ngħad, li ma kienx il-parti leża li beda l-aggressjoni. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Galdes** (Numru. 33/2007) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Li minn din l-istqarrija jirriżulta li kien l-appellat li refa' idejh fuq martu l-ewwel, meta tajjritlu l-ikel fl-art. Hu kien qabadha minn xagħarha u ġegħlha tiġbor l-ikel mill-art. Għalhekk l-ewwel vjolenza fiżika ġiet min-naħa tiegħu. Jekk martu mbagħad irrejaġixxiet u bdiet tigirfu u taqbad fih, hu ma jistax jinvoka d-difiża tas-"*self defence*", meta l-inċident, mil-lat ta' vjolenza fiżika kien bdieh hu. Jidher li l-affari kompliet teskala u hu spiċċa daqqa ta' ħarta b'ċerta forza – li saħansitra wasslet biex hi taqa' fl-art – li żgur ikkaġunat lil martu offiżi ta' natura ħafifa." [emfażi miżjuda]

Illi fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Steven Francis Haston** (Numru 567/2020) din il-Qorti diversament preseduta ċċitat is-segwenti:

> "Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tara jekk f'dan il-każ tapplikax id-difiża ta' *leġittima difesa*. Hawnhekk din

il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Micallef et</u>**[3] fejn ġie ritenut:

"Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel (1) ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Mizzi** dwar id-difiża ta' leġittima difesa. Dik il-Qorti sostniet li:

> "Id-difiża ta' leġittima difesa hija limitata għall-każijiet fejn persuna tkun qed tiġi akkużata b'omiċidju voluntarju jew offiza volontarja fuq il-persuna mhux fejn l-akkuża tkun ma' xi reat ieħor; in-neċessita' hija differenti wkoll mid-difiża tal-koazzjoni, din tal-aħħar kontemplata fl-Artikolu 47(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Dwar il-fatt li l-imputati aġixxew in leġittima difesa, l-Qorti tirrileva li hemm kontemplata fl-Artikolu 223 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta s-segwenti:

> "Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mil-liġi, jew mill-awtorita' leġittima, jew meħtieġ mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed nnifsu jew ta' ħaddieħor."

Filwaqt li fl-Artikolu 224 tal-Kap. 9, dan isemmi ċerti każijiet (li taħt l-ebda immaġinazzjoni ma hi eżawriment) ta' neċessita' attwali ta' difiża leġittima. Dawn il-każijiet huma biss eżempji.

Jiġi rilevat li huwa veru li d-dritt ta' leġittima jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta'

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Marzu 2016.

kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu ta' forza.

Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tal-leġittima difesa tiġi milqugħa, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa**[4] kien ingħad hekk:-

> "Sabiex wieħed jista' jitkellem fuq leġittima difiża li twassal għall-ġustifikazzjoni jew non-imputabilita' (a differenza ta' sempliċi skużanti - Art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diġa' ngħad, **l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa neċessarji, ċioè l-bżonn li l-minaċċja tkun gravi, tkun inġusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata għall-minaċċja jew għall-aggressjoni**.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat hija tinnota li taqbel mal-Ewwel Qorti meta fis-sentenza tagħha tgħid hekk (*a fol.* 447):

> "Kuntrarjament għal dak li ġie mistqarr mill-imputat fl-istqarrijiet tiegħu u fix-xhieda quddiem il-Qorti, il-filmat jeskludi inekwivokabbilment li Simon Parnis ipprova jmisslu jew jaqbadlu wiċċu jew li mar wiċċ imb'wiċċ miegħu: għall-kuntrarju huwa manifest illi l-vittma lanqas kien laħaq wasal man-naħa l-oħra tal-bank fejn kien bil-qiegħda l-imputat, li l-istess imputat niżel bil-herra minn fuq il-bank, dar lejn in-naħa ta' wara tal-bank, mexa b'rankatura lejn il-vittma u minnufih imbuttah biż-żewġ idejn u bis-saħħa fuq il-parti ta' fuq ta' ġismu tant illi l-vittma spiċċa mitfugħ lura u waqa' fuq dahru fit-triq lil hinn mill-bankina."

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Ottubru 2003.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha wkoll dak li ngħad aktar tard fis-sentenza appellata meta hija qalet hekk (*a fol.* 448 *et seq.*):

> "Applikat dan kollu għall-prinċipji legali u l-insenjament in materja tal-iskriminanti tal-leġittima difiża, m'huwiex ippruvat, lanqas sal-grad tal-probabbli, illi l-imputat kien jinsab f'perikolu gravi u inevitabbli għas-sigurta' personali tiegħu meta l-vittma beda riesaq lejh: ma jirriżulta minn imkien li l-vittma kien qed jaġixxi b'mod aggressiv jew vjolenti u tabilħaqq mix-xhieda ta' Zachary Muscat u Nick Aquilina jirriżulta li l-vittma kien riesaq lejh biex jistaqsi għaliex kien qed ikeċċih u joffendih u kien l-imputat li mar għalih. Kif ġia' ġie stabbilit, il-filmat, li jikkostitwixxi prova innegabbli tal-egħmil taż-żewġ partijiet f'dan il-mument, jeskludi b'mod assolut il-verżjoni tal-imputat li l-vittma kien qed jipponta lejh jew ipprova jaqbadlu wiċċu, tant illi l-vittma jidher wieqaf wara l-bank u ma ċċaqlaqx iktar sakemm ġie imbottat lura mill-imputat li f'ħakka t'għajn, niżel minn fuq il-bank, ħa rankatura lejh u imbottah lura b'saħħa evidenti.
>
> Dan ifisser ukoll illi l-aġir tal-imputat fiċ-ċirkostanzi ma jistax jitqies li kien proporzjonata għall-perikolu li kien qed jaffaċċja u f'kull każ, anke jekk kellu jiġi aċċettat għal mument illi l-vittma kien qed jindirizzah b'leħen għoli u ton irrabjat, dan il-perikolu ma jista' jitqies li kien wieħed assolut jew inevitabbli anke tenut kont tal-fatt li l-vittma waqaf wara l-bank u ma għamel ebda mossa oħra u lanqas pass ieħor 'il quddiem sakemm l-imputat ġie wiċċ imb'wiċċ miegħu u laqtu. Fuq kollox il-Qorti fiċ-ċirkostanzi m'hi xejn affattu konvinta li l-imputat hija aġixxa b'dan il-mod għaliex beża' għall-inkolumita' tiegħu u mhux għaliex kien imxebba bit-teatrini tal-vittma u tilef il-kontroll.
>
> Il-ġurisprudenza in materja hija paċifika fis-sens illi l-azzjonijiet tal-vittma jridu jikkostitwixxu perikolu –

> gravi u inevitabbli – u mhux sempliċement inkonvenjent – biex l-imputat jista' jitqies li aġixxa għad-difiża leġittima. Huwa minnu li l-imputat u sħabu kienu lkoll ġustament imdejqin u fastidjati bl-imġieba tal-vittma, iżda l-fatt li kien qed jiffastidjahom m'huwiex biżżejjed għall-prova tal-element tal-perikolu gravi u imminenti għall-ħajja."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad minnha qabel ġiet ċitata l-ġurisprudenza f'dan l-aggravju, hija tinnota li meta jiġi kkunsidrat dan t'hawn fuq flimkien mal-ġurisprudenza aktar 'il fuq ċitata nkluż il-fatti tal-każ, din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti, hija tal-fehma li f'dan il-każ l-appellant ma kienx qed jaġixxi in difesa. B'hekk isegwi li anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-<u>raba' aggravju</u> l-appellant jilmenta li huwa ma kkawżax xi sfreġju fuq wiċċ il-parti leża. Ikompli li jirriżulta kien hemm nefħa u jisħaq li huwa qatt ma' mess wiċċ il-parti leża u għalhekk sabiex jiġi ppruvat sfreġju jrid jirriżulta ness bejnu u l-ġrieħi subiti mill-parti leża. Huwa jagħmel riferenza għas-sentenza appellata dwar in-nuqqasijiet konjittivi tal-parti leża. Jispjega li din hija biss assunzjoni. Ikompli billi jgħid li mill-provi jidher li l-ħsara li kellu l-parti leża qabel l-inċident kienet l-istess bħal wara l-inċident. Jirreferi għax-xiehda ta' Dr. Kristina Bettenzana u jispjega kif mediku ma jistax jeskludi dak li mhux jara. Ikompli li għalhekk ma ġiex eskluż li l-inċident li wassal għal ġrieħi seta' kellu effett u lanqas jista' jiġi konkluż li fil-fatt ma kellux effett. Jispiċċa billi jgħid li fil-fehma tiegħu l-imputazzjonijiet kif dedotti ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi taħt l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tirreferi għal dak ngħad minnha fl-aggravji preċedenti u *mutatis mutandis* tapplikah għal dan l-aggravju. Stabbilit dan rigward l-argumenti mressqa mill-appellant dwar il-problemi mentali tal-parti leża u d-deterjorament tal-kapaċitajiet mentali tiegħu, din il-Qorti ma

għandha xejn x'iżżid ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellate, u dana peress li taqbel magħha, meta ngħad hekk (*a fol.* 459 *et seq.*):

> "Illi l-provi juru wkoll illi Simon Parnis, il-vittma, sofra offiżi konsistenti f'xejra ta' diżordni f'moħħu skont kif ġie kostatat mill-espert psikjatriku u l-espert newro-psikjtriku li ġew maħturin mill-Qorti biex jeżaminaw lill-istess vittma biex jiġi stabbilit jekk kienx ġarrab marda permanenti tal-moħħ b'riżultat tal-offiża li kkaġunalu l-imputat.
>
> Ġie stabbilit illi Simon Parnis kien ilu diversi snin ibati diġa' minn problemi konjittivi, iżda tabilħaqq it-trawma subita meta laqat rasu mal-art b'riżultat tal-imbottatura ikkontribwixxiet biex jiżdied id-dannu konjittiv tal-vittma wara l-inċident. Abbażi ta' eżami tal-iskanijiet tal-moħħ li kienu sarulu fl-2016 u 2016 b'mod partikolari, l-esperti kkonkludew illi qabel l-inċident in diżamina, il-vittma diġa' kellu ħsara f'moħħu, ħsara li ġiet imġarrba b'riżultat ta' diversi episodji anteċedenti fejn ġarrab trawma fir-ras u mmanifestat ruħha fi funzjonament newropsikoloġiku taħt il-medja għal persuna tal-eta' tiegħu. Il-Qorti fehmet illi għalkemm ma kienx possibbli li tiġi mkejla l-ħsara konsistenti fid-deġenerazzjoni tal-kapaċitajiet konjittivi tal-vittma wara l-inċident in diżamina, l-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar ikkonkluda li l-abbilitajiet konjittivi naturali tal-vittma – li kienu diġa' bdew jiddeterjoraw wara serje ta' trawmiet li ġarrab f'rasu fil-passat – żdiedu, għad illi b'qies mhux determinabbli, wara l-inċident in diżamina. Madankollu, l-espert psikjatriku kkonkluda fl-istess waqt illi *"kull korriment li ġarrab fir-ras ikkawżat aktar ħsara u deficits konjittivi. Din (il-ħsara) kienet ukoll x'aktarx il-konsegwenza tal-ferita f'rasu li ġarrab fl-2023"*.
>
> Fil-fehma tal-Qorti, filwaqt li l-provi m'humiex konklussivi biżżejjed biex inisslu konvinċiment morali li

> l-offiżi li ġarrab Simon Parnis b'riżultat tat-trawma kkaġunat f'rasu, waħedhom u attwalment, ġabu jew ikkaġunaw difett jew marda permanenti fil-moħħ għall-finijiet tal-artikolu 218(1)(a) tal-Kap. 9, huwa ppruvat sodisfaċjentement illi l-offiżi kkaġunati mill-imputat ikkontribwixxew għal marda ġja' eżistenti fil-moħħ bit-tkomplija tad-deġenerazzjoni tal-abbilitajiet konjittivi tiegħu."

Illi din il-Qorti taqbel ma' l-analiżi mwettqa mill-Ewwel Qorti u ċioè fejn sabet lill-appellant ħati taħt Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant ikkawża l-frattura taz-*zygoma* tal-parti leża u dan jikkwalifika bħala sfreġju taħt l-imsemmi artikolu. Dwar il-klassifikazzjoni ta' feriti din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana** (Numru 220/2014) fejn din il-Qorti spjegat hekk:

> "6. L-Artikolu 216 (1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi l-offiża fuq il-persuna hija gravi, jekk, *inter alia* skont is-subartikolu (b) iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż. Tajjeb li in rigward issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs. Desmond Falzon**, li ċċitat b'approvazzjoni s-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:
>
>> **"B'mankament ... fil-wiċċ, il-liġi qed tirreferi għal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi *"notevole o complessivo, o per l-entitia' della aterazjoni stess, o per l-espressione d'assieme del volto"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta'**

**mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-<u>regolarita'</u> tal-wiċċ, fl-<u>armonija</u> tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-<u>sbuħija</u> tal-wiċċ. Skond ġurisprudenza ormaj paċifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (<u>Il-Pulizija vs. Emily Zarb</u> App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Għalhekk mhix korretta l-pożizzjoni li temerġi mill-bran tas-sentenza appena ċitat, li jekk ikun hemm ċikatriċi neċessarjament hemm sfreġju, iżda ma jkunx hemm sfreġju jekk ikun hemm sempliċi skolorament tal-ġilda. Anke skolorament tal-ġilda jista' jipproduċi kemm sfreġju kif ukoll mankament fil-wiċċ fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-ħsara; mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara fil-gergo mediku jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li tħalli fuq il-wiċċ."**

7. Din is-sentenza llustrat ukoll id-differenza bejn mankament u sfreġju fit-termini tal-artikolu 216(1)(b) billi rritjeniet illi fejn daqqa fil-wiċċ iġġib nefħa wieħed ikun jista' jitkellem dwar mankament anke jekk tali nefħa tgħaddi <u>wara ftit jiem</u>. L-istess prinċipju ser ikun diskuss fil-konsiderazzjonijiet li jsegwu f'din is-sentenza.

8. Għalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux neċessarju li l-offiża tkun tali li "**tista'**" tħalli mankament jew sfreġju. Dik il-possibilita', ossia dak l-element, jirrafigura biss fl-eżami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jekk l-offiża **<u>tista'</u>** ġġib periklu tal-ħajja, ta' debulizza permanenti fis-saħħa, ta' difett permanenti jew ta' marda permanenti tal-moħħ, ukoll fl-artikolu 218 meta jipprovdi li d-debulizza fis-saħħa, l-marda fil-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett "**<u>jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk</u>**".

Sabiex tkun skontrata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b), dak addebitat lill-appellant, huwa biżżejjed li l-offiża kienet fuq l-idejn jew fuq il-wiċċ u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiċċentraw xejn in rigward.

9. Fis-sistema legali tagħna, l-offiża fuq il-persuna tista' tkun waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi oħrajn, il-liġi ma tirrikjedix li l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari. Sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn anke jekk ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet ta' l-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza tal-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Għall-espożizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir riferenza wkoll għas-sentenza ta' din il-Qorti deċiża fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Farrugi**a fejn oltre s-sentenza ċitata saret riferenza għal diversi sentenzi oħra fosthom dik **Il-Pulizija vs. Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

> **"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkażjonijiet oħra, l-isfreġju ('disfigurement') fil-wiċċ (jew fl-għonq jew fl-id) kontemplat fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jista' jkun anke ta' natura <u>temporanea</u>, bħal per eżempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-każ tal-hekk imsemmija 'offiża gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-liġi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfreġju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tikkwalifika l-offiża f'wiċċ Sultana bħala sfreġju (għalkemm**

**mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiża kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ u kienet tidher minn distanza normali."**

Dik is-sentenza ċċitat ukoll dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis Dingli** tat-12 ta' Settembru 1996 fejn intqal hekk:

**"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li offiża hija gravi jekk iġġib mankament jew sfreġju f'ċerti postijiet tal-ġisem, fosthom fil-wiċċ tal-offiż. Ma huwiex meħtieġ li dan il-mankament jew sfreġju jkun permanenti jew li jdum għal ċertu numru ta' sigħat, ġranet, ġimghat jew xhur. Jekk imbagħad, l-isfreġju jkun gravi <u>u</u> permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiża gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b) ... L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeċiedi jekk offiża ġġibx sfreġju fil-wiċċ o meno jrid jgħaddi ċertu żmien ħalli wieħed jara l-<u>effetti</u> li tħalli l-ferita in kwistjoni fil-wiċċ. Dan mhux korrett. Kif ġa' ngħad, għall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfreġju anke ta' ftit ġranet, per eżempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu għadhom f'posthom, jammonta għal offiża gravi, għalkemm wara li jitneħħew il-ponti u jgħaddi aktar żmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bħala sfreġju.""**

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq appena ċitat, hija tal-fehma li l-aġir tal-appellant wassal għal offiżi fuq ras il-parti leża li giebu mhux biss sfreġju fil-wiċċ iżda wkoll perikolu ta' ħsara permanenti fil-moħħ *ai termini* ta' Artikolu 216(1)(a)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. In fatti din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza appellata meta l-Ewwel Qorti qalet ben tajjeb is-segwenti (*a fol.* 461):

> "Illi l-provi juru li l-marda permanenti fil-moħħ ġiet stabbilita minn eżami li wettaq l-espert psikjatriku ta' CT scans tal-moħħ li kienu saru wara kull episodju fejn Simon Parnis ġarrab l-istess xorta ta' leżjonijiet bħalma ġarrab fl-inċident in diżamina minħabba trawma lir-ras (fosthom *left frontal lobe injuries, intraparenchymal haemorrhages*, frattura f'żewġ okkażjonijiet tar-*right temporal bone* u *subdural haemotoma*). Stabbilit li huwa ġarrab l-istess xorta ta' ħsara f'rasu b'riżultat tal-inċident mertu tal-akkużi odjerni, jikkonsegwi raġjonevolment illi l-offiżi kkaġunati mill-imputat huma tal-kalibru li jġibu marda permanenti fil-moħħ konsistenti f'deġenerazzjoni tal-abbilitajiet konjittivi, u fil-fehma tal-Qorti dan huwa biżżejjed biex jistabbilixxi li l-offiżi kkaġunati jistgħu jġibu perikolu ta' marda permanenti tal-moħħ għall-fini tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9. Il-fatt li l-marda permanenti fil-moħħ kienet diġa' ezistenti qabel it-trawma subita fl-inċident taħt skrutinju ma jinnewtralizzax il-prova li l-offiża taħt skrutinju tista' ġġib ħsara lill-moħħ jew deġenerazzjoni tal-abbilitajiet konjittivi tal-vittma, kif del resto ġabu l-istess xorta ta' trawmiet anteċedenti f'rasu."[5]

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami jsegwi li anke dan l-aggravju jistħoqq li jiġi miċħud ukoll. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi minn dan t'hawn fuq jirriżulta li l-aggravji kollha mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu ġew miċħuda. Għal kull buon fini jingħad li fit-tielet talba tiegħu l-appellant speċifikament jitlob li din il-Qorti teroga piena aktar idonea u li tirrispekkja dan il-każ.

[5] "Ara paġna 301 tal-atti tal-kumpilazzjoni, rapport tal-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar (Dok. "JC 1")."

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li ma tressaq l-ebda aggravju dwar il-piena hija tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:
>
> > *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri

> tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, li ma hemm ebda aggravju dwar il-piena u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-piena għall-imputazzjoni li tagħha l-appellant allura imputat instab ħati tagħha mill-Ewwel Qorti, u li *del resto* din il-Qorti kkonfermat l-istess ħtija, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha.

Illi din il-Qorti tirriafferma dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha meta qalet is-segwenti (*a fol.* 463):

> "Fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti trid tagħmilha ċar li kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna hija kundannabbli u ma tista' qatt titqies bħala rimedju xieraq biex dak li jkun jeħles minn persuna li fl-aħħar mill-aħħar, ikollha bżonn l-għajnuna. Fis-soċjeta' tal-lum fejn huwa evidenti li kull ma jmur qiegħed jonqos ir-rispett reċiproku u s-sens ta'

> responsabbilita' ċivika, huwa imperattiv iktar minn qatt qabel li kull ċittadin mhux biss jifhem li l-vjolenza qatt m'hi aċċettabbli u li dejjem irid li tintrefa' r-responsabbilita' għal egħmilu, iżda jagħraf ukoll l-importanza tal-valuri tas-sabar, rispett u sensibbilita' fl-istess egħmilu."

Għaldaqstant it-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti timponi piena aktar idonea u li tirrispekkja l-każ in eżami qed tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Stevie Pisani u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**